# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 78/2021 BS**

**Nicholas Galea**

**-vs-**

**Emanuel Mizzi**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Nicholas Galea illi ppremetta:**

i. *"Illi l-attur huwa sid u fil-pussess ta' diversi appezzamenti ta' raba' fl-inhawi maghrufa 'tax-Xemxi' sive 'Tal-Fanal' sive 'ta' Gordan' sive 'tal-Gallina' fuq l-gholja u kuntrada maghrufa 'ta' Gordan' limiti tal-Għasri, liema raba' jintlahaq kemm minn passaġġ karrozzabbli kif ukoll minn passaġġ bir-rigel;*

ii. *Illi fis-17 ta' Awwissu 2021, l-intimat bena hajt fil-passaġġ karrozzabbil u ostakola l-access tal-passaġġ karrozzabbli bil-konsegwenza li meta l-attur mar biex johrog lura sab il-passaġġ imblukkat bil-hajt u bil-gebel;*

iii. *Illi dwar dan l-incident sa kien sar rapport lill-Pulizija aktar tard fl-istess jum fuq suspett li l-ixkiel fil-passaġġ kien għamlu l- konvenut, u wara li ġie mitkellem mill-Pulizija, il-konvenut kien ammetta li kien hu li bena l-hajt għax kellu dritt u rrifjuta li jnehhih;*

iv. *Illi minkejja li l-intimat ġie nterpellat ukoll b'ittra ufficjali numru 588/2021 fl-14 ta' Settembru 2021, denitament notifikata lilu l- għada, sabiex zmien erbgħa u ghoxrin (24) siegħa inehhi l-ostaklu li għamel bil-bini ta' hajt fil-passaġġ karrozzabbli, huwa baqa' ma nehhiehx;*

v. *Illi l-għamil tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandesti;"*

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. *tiddikjara li l-għamil tal-konvenut meta permezz ta' hajt tal-gebel li bena fil-passaġġ karrozzabbli u gebel iehor li l-istess konvenut iddepozita fl-istess passaġġ, li bih imblokka u fixkel l-access tal-attur mill-istess moghdija li minnha jgħaddu gabilotti u sidien ohra tar-raba' għar-raba' taghhom fuq l-gholja 'tal-Gordan' limiti tal-Għasri, Għawdex, jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;*

2. *tikkundanna lill-konvenut jisporga l-ispoll minnu kommess fi zmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti billi jnehhi l-hajt u kull xkiel iehor li għamel fil-moghdija, u jiġi ordnat ihalli l-passaġġ liberu mill-istess moghdja;*

3. *Fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tawtorizza lill-attur inehhu l-ixkiel kollu li għamel il-konvenut fil-moghdija karrozzabbli, u jekk ikun mehtieg taht id-direzzjoni ta' perit nominand sabiex ix-xoghol ta' rimozzjoni tal-hajt u ta' kull xkiel iehor li l-konvenut għamel fil-passaġġ isir taht id-direzzjoni u supervizjoni tiegħu, kollox a spejjez tal-konvenut.*

*Bl-ispejjez kollha nkluzi tal-ittra ufficjali 588/2021 tal-14 ta' Settembru 2021 u tal-mandat ta' inibizzjoni 30/2021 fl-ismijiet inversi degretat, kontra l-konvenut.*

*Bl-inguzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mharrek."*

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Emanuel Mizzi illi eċċepixxa:**

1. *"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra tagħha;*

2. *Illi preliminarjament u bl-ikbar rispett dovut, l-esponenti jeccepixxi l-eccezzjoni tar-rikuza tal-Magistrat Dr. Brigitte Sultana u peress li hija diga ppronunzjat ruhha fuq almenu element wiehed marbut ma din l-kawża odjerna permezz tad-digriet datat 9 ta' Settembru 2021 moghti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 30/2021 BS f' ismijiet inversi;*

3. *Illi r-rikors promotur f' din il-kawża jinkwadra biss selezzjoni ta' assezzjonijiet u nofs veritajiet li jagħtu stampa a dir poco qarrieqa tal-kwistjoni li nholqot mill- attur stess f' Awwissu li għadda.*

4. *Illi għal kompletezza tal-fatti, mingħajr pregudizzju, l-esponenti jirrileva illi nhar l-14 t' Awwissu 2021 l-attur f' din*

*il-kawża dahal f' parti mir-raba' tal-esponenti, fejn m'għandux dritt jgħaddi, permezz ta' ingenji tal-kostruzzjoni ossia gaffa u trakkijiet li bihom għarraq propjeta` tal-esponenti billi qala' hitan tas-sejjieh u nehha hamrija u gebel tas-sejjieh mill-art tal-esponenti kif ukoll anke għamel l-istess fi propjeta ta' terzi li tiġi biswit ir-raba' tal-esponent. Illi dan ix-xoghol sar mill-kuntrattur Said Construction Ltd. fuq direzzjoni tal-attur f' din il-kawża kif diga ġie ammess mill-istess attur;*

5. *Illi din il-kondotta tal-attur tikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fuq il- propjeta` tal-esponenti u l-esponenti kellu jmexxi b' kawża ta' spoll fir-rigward;*

6. *Illi fis-16 t' Awwissu 2021 1-intimat ha hsieb gab xi materjal tas-sejjieh biex jirranga hwejgu li jgħarraqlu l-attur u anke bl-applikażżjoni tal-massima rem vim repellent licet; kif ukoll fl-istess gurnata intavola mandat t' inibizzjoni biex l-attur ma jwettaq l-ebda xoghol iehor go hwejjeg l-esponent liema mandat kien ġie milqugh provisorjament, u kif ukoll izjed tard fil-jum għamel rapport mal- Pulizija fuq dak li kien gara fl-14 t' Awwissu 2021 - anness ma dan ir-rkors Dok. A;*

7. *Illi l-attur għamel ftit iktar minn gimgħa jirresisti li jiġi nnotifikat b' dan il-mandat, biex tul dan iz-zmien huwa ma jkunx karpit bl-ordni tal-Qorti;*

8. *Illi fis-17 t' Awwissu 2021 l-esponent ma bena l-ebda hajt kif jidher mir-rapporti tal-pulizija u anke kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

9. *Illi għalhekk tenut kont ta' dan kollu u anke fid-dawl tal-provi li ser jirrizultaw f' din il-kawża ma jissustixxux l-elementi kollha ta' spoll kif rikjesti mill-Ligi u għaldaqstant it-talbiet attrici għandhom jigu michuda kollha;*

*10. Salvi eccezzjonijiet ohra skont il-Ligi."*

**Fliet l-atti;**

**Rat** li fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2021 il-konvenut irtira t-tieni eċċezzjoni tiegħu;

**Rat** l-affidavit tal-attur u d-dokumenti annessi miegħu;[1]

**Rat** ix-xhieda kollha mogħtija;

**Rat** ir-rapport tal-perit *ex parte* Shaun Micallef;[2]

**Fliet** ir-ritratti meħudin mill-ajru u li ġew esibiti matul il-perkors tal-kawża;

**Rat** li fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2022 l-attur iddikjara l-provi tiegħu magħluqa;

**Rat** l-affidavit tal-konvenut u r-ritratti annessi mal-istess affidavit;[3]

**Rat** ir-rapport tal-perit *ex parte* tal-konvenut il-Perit Cornelia Tabone;[4]

**Rat** li fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2023 il-konvenut iddikjara li kien eżawrixxa l-kontroeżamijiet kollha;

**Rat** li fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2023 il-partijiet iddikjaraw illi l-kawża setgħet tiġi differita għas-sentenza bil-fakoltà tal-partijiet li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet;

**Rat** li fl-istess seduta l-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**IKKUNSIDRAT:**

**Preliminari**

Din hija kawża ta' spoll. F'din il-kawża l-attur Nicholas Galea jgħid li huwa s-sid u għandu l-pussess ta' diversi biċċiet raba' fl-inħawi magħrufa bħala «Ta' Xemxi», jew «tal-Fanal» fost l-oħrajn. Jilmenta li fis-17 ta' Awwissu , 2021 huwa għadda minn passaġġ karozzabbli biex imur fir-raba' tiegħu iżda meta ġie biex jgħaddi mill-istess passaġġ bil-kontra ħalli joħroġ sab il-passaġġ imblukkat bil-ġebel. Jgħid li dwar dan mar jagħmel rapport l-għassa u li l-konvenut Emanuel Mizzi stess ammetta mal-pulizija li kien hu li poġġa il-ġebel f'nofs il-passaġġ. Jinsisti li l-konvenut ikkommetta spoll u għalhekk huwa kien kostrett jiftaħ din il-kawża.

Emanuel Mizzi, il-konvenut min-naħa tiegħu jilqa' għat-talbiet tal-attur billi jgħid li fl-14 ta' Awwissu, 2021 l-attur daħal f'parti mir-raba' tiegħu permezz ta' makkinarju li kien intiż għall-kostruzzjoni. Skont il-konvenut, kien l-attur inniffsu li waqqa' l-ħajt li kien hemm fil-passaġġ u li dan għamlu biex ikunu jistgħu jgħaddu l-inġenji. Il-konvenut jisħaq illi l-ġebel huwa poġġieh fil-passaġġ biex ikun jista' jerġa' jtella' dak il-ħajt li l-attur waqqa'. Jgħid ukoll li anke huwa fetaħ kawża ta' spoll kontra l-attur. Jinsisti li fl-14 ta' Awwissu huwa ma kien bena l-ebda ħajt u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

**Xhieda.**

Fl-affidavit, l-attur,[5] jgħid li għandu fil-pussess tiegħu 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) tomna raba' mifruxin f'diversi nħawi fuq l-għolja Tal-Ġordan, l-Għasri. Huwa jgħaddi għar-raba' tiegħu skont fejn jinsabu. Il-passaġġ li għalaqlu

[1] A fol. 46 tal-proċess.
[2] A fol. 120 tal-proċess.
[3] A fol. 131 tal-proċess.
[4] A fol. 149 tal-proċess.
[5] Fol. 83.

l-konvenut huwa aċċess għal madwar ħmistax(15)-il tomna raba' tal-attur. Huwa jgħaddi minnu bejn Mejju u Settembru għax minn hemm biss jintlaħaq bl-inġenji. Fix-xhur tax-xitwa, Ottubru u Marzu, juża passaġġ l-ieħor iżda bir-riġel. Din hija ferm iqsar iżda l-mogħdija li għalaq il-konvenut hija l-unika waħda li jgħaddu minnha l-inġenji.

Fl-2021 inħareġ permess lill-attur sabiex jibni kamra u jerfa' l-għodod fiha fir-raba' tiegħu. Ix-xogħol kellu jibdih fis-sajf billi l-aċċess bl-inġenji kien biss mill-mogħdija li għalaqlu l-attur. Il-konvenut kien ilu bit-tikketta miegħu sa minn meta xtara r-raba' li ried jixtri hu mingħajr suċċess. Meta l-konvenut sar jaf li l-attur applika għall-permess għall-bini ta' *agricultural store*, il-konvenut qabad miegħu bħal pereżempju, ġebel maqlugħ minn mal-ħitan u mitfugħ fil-passaġġ b'tali mod li ma setax jgħaddi bir-riġel u tefagħlu ż-żebgħa fuq id-dura (Dok. B).

Dwar l-inċident li ta lok għall-kawża tal-ispoll, l-attur jgħid li fl-14 ta' Awwissu 2021 madwar l-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30 a.m.) daħal ma' Peter Paul Said ta' Said Construction Ltd bi *crane* u trakk b'gaffa żgħira sabiex iħaffar trinka għall-pedamenti tal-kamra. Għaddew mill-mogħdija inkwistjoni bla ma ntmess ġebel minn mal-ħitan billi hi wiesgħa aktar milli biżżejjed. Kien hemm l-konvenut preżenti u ħa anke ritratti bil-magna tar-ritratti li kellu fuqu jagħmlu x-xogħlijiet konnessi mal-bini tal-kamra.

Jgħid li huwa reġa' daħal fir-raba' tiegħu fis-17 ta' Awwissu 2021 bil-*jeep* mgħobbija bl-għodda. Fit-tmienja ta' filgħaxija (8.00pm) sab il-mogħdija ostokolata bil-ġebel tas-sejjieħ meta ġie biex joħroġ bil-*jeep*. Dak il-ħin stess, fuq parir tal-avukat tiegħu, ċempel l-Għassa tal-pulizija sabiex jagħmel

rapport u javżahom li jinsab maqbud fil-passaġġ li mblokka l-attur. Huwa informa lill-pulizija f'min għandu suspett.

Itenni li skont il-pulizija, il-konvenut ammetta li kien hu li tefa' l-ġebel hemmhekk u kien tefgħu fi ħwejġu.

Ikompli li l-ingombru li ħoloq il-konvenut kien magħmul minn vieġi ġebel li l-konvenut ġab apposta u mhux mill-ġebel li qed jgħid li neħħa l-attur mir-raba' tal-konvenut. B'dan il-ġebel ġdid bena ħajt li qatt ma kien hemm qabel b'mod li mblukkalu l-aċċess minn hemm.

Jgħid ukoll li huwa rċieva Mandat ta' Inibizzjoni u li l-konvenut kompla jostakola l-passaġġ billi bena ħajt fil-passaġġ bil-ġebel li kien irbola fl-istess passaġġ u l-ħajt bnieh sa kważi n-nofs il-wisa' tal-mogħdija kollha. (Ritratt E: il-ħajt li bena l-konvenut; Ritratti F u G juru l-mogħdija li ilha teżisti ħafna żmien li minnha jgħaddu wkoll bdiewa oħrajn għar-raba' tagħhom li għandhom aktar 'il ġewwa. Dok.F: l-ispoll immarkat imdawra b'ċirku tond.)

Jinsisti li minkejja li l-konvenut ġie mwissi mill-pulizija bil-kelma t-tajba, u sa kien avżahom bl-avukat tiegħu, sabiex ineħħi l-materjal, huwa baqa' jisfida tant li l-ġebel u l-ħajt ħallih hemm kif għadu hekk sal-lum.

**In kontroeżami**,[6] l-attur jispjega li għamel il-kawża ta' spoll sabiex jitneħħa l-imblokk u jkun jista' jgħaddi għar-raba' tiegħu. Jgħid li huwa ħadem ir-raba' din is-sena anke fl-2021. Kien kostrett li jaħdmu għax marbut li jrid jaħdmu u kien kostrett jgħaddi minn band'oħra. Kellu jħallas sabiex daħal minn ġo ta' ħaddieħor. Anke sabiex bena l-kamra

[6] Mingħajr paġinazzjoni 22 ta' Frar 2023.

kellu jgħaddi minn ġo ta' ħaddieħor bil-permess u ħallas il-flus.

Rigward dakinhar li nqabad wara l-ħajt bil-vettura fis-17 ta' Awwissu, jgħid li daħal fil-ħdax ta' filgħodu (11.00a.m.). Meta kien qed jirritorna jsib il-ħajt mibni. Saru t-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.) u ċempel lill-pulizija u informahom dwar min seta' għamel l-imblokk. Itenni li Mizzi kkonferma li kien hu meta ċemplulu l-pulizija. Jgħid li baqa' hemm bil-*jeep* mgħobbija. Saru d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30p.m.). Kien kostrett li jwarrab il-ġebel li seta' għall-ġenb u għadda. Imbagħad ċempel lill-avukat sabiex jmorru l-Għassa tal-Pulizija u jagħmel rapport.

L-attur jisħaq li dejjem minn dan il-passaġġ għadda. Meta ħeles mix-xogħol sab il-passaġġ imblukkat u mhux huwa u dieħel. Jgħid li la l-għada u lanqas fil-jiem ta' wara ma mar jaħdem raba' għax il-passaġġ kien imblukkat. Jiċħad li hu seraq ġebel u ħamrija. Jgħid li ma mess xejn aktar. Imbagħad wara kien hemm ħajt u għadu hemm sal-lum.

Ix-xhud, **Shaun Tabone**,[7] jgħid li nhar is-16 ta' Awwissu 2021, fid-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30 p.m.), il-konvenut mar l-Għassa tal-Pulizija sabiex jirrapporta li huwa sid ta' porzjon raba' fl-inħawi magħrufin bħala Tal-Gallina, Għasri. Jgħid li l-konvenut irrapporta li s-Sibt ta' qabel, 14 ta' Awwissu, fl-għaxra ta' filgħodu (10:00a.m). huwa mar fuq il-post u metri 'l bogħod mill-għalqa tiegħu hu ra żewġ (2) trakkijiet bin-numru ta' reġistrazzjoni EBJ-931 u KBI-907 u b'*bobcat* kienu għaddejjin b'xi xogħlijiet. Meta daħal l-għalqa sab ġebel u ammont ta' ħamrija neqsin. Anke l-ħajt tas-sejjieħ tiegħu twaqqa'. Jgħid li l-konvenut qallu li ma jafx kemm kien il-volum ta' ħamrija nieqsa iżda talabhom

[7] Fol. 71.

jiġu jaraw fuq il-post. Huwa informahom li fuq il-post kien hemm l-attur.

Meta l-konvenut ġie mistoqsi mill-pulizija għaliex dam jumejn sabiex jagħmel ir-rapport, dan beda jaħrab milli jwieġeb iżda mbagħad wieġeb li ma ħassx li kellu jirrapporta dak il-ħin.

Ix-xhud jgħid li huwa għajjat lill-attur l-Għassa u dan ċaħad l-allegazzjonijiet tal-konvenut fil-konfront tiegħu. Qallu li l-inġenji kienu hemm għaliex huwa ġab permess ta' kamra u ġar il-ġebel. Jgħid li skont l-attur il-konvenut huwa mqabbad miegħu u qed jagħmillu r-rapport sabiex itelliflu xogħlu.

Fil-21 ta' Awwissu, madwar l-għaxra ta' filgħaxija (10:00p.m.), il-konvenut mar l-Għassa tal-pulizija flimkien mal-Avukat tiegħu, Dr Christopher Mizzi, u stqarr li fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00p.m.) ta' dakinhar tela' r-raba' tiegħu u dan sab il-bqija ta' dak il-vieġ ġebel tas-sejjieħ li kien issemma aktar kmieni fir-rapport tat-18 ta' Awwissu, ġie mċaqalaq 'il barra fuq l-art tal-istess konvenut. B'hekk il-passaġġ twessa' sabiex ikun jistgħu jgħaddu inġenji kbar. Il-karfa tal-ġebel li kien baqa' mal-art twittiet sew minn xi ħadd sabiex seta' jagħmel tela' adekwata għall-inġenji. Xi ħadd seraq mill-ġebel tas-sejjieħ li kien fadal. Huwa jissuspetta li dawn ix-xogħlijiet saru mill-attur.

Ix-xhud jgħid li huwa ma marx fuq il-post. Jgħid ukoll li aktar ma beda għaddej il-ħin, ix-xhud innota li l- kwistjoni bejn il-partijiet kienet ta' natura ċivili. Il-parti l-oħra ma ċaħditx li ma kienx fuq il-post jew li mhux marbut ma' dik l-*area* inkwistjoni. Ix-xhud ma jiftakarx jekk il-konvenut semmielux passaġġi. Sempliċement għamel rapport fuq il-ġebel u l-ħamrija.

Ix-xhud, **John Grima**,[8] jgħid huwa li kien preżenti meta sar ir-rapport tat-18 ta' Awwissu. Għid li madwar id-disgħa (9:00) u l-għaxra (10:00) ta' billejl ġie l-konvenut u lmenta miegħu li meta mar fl-inħawi tal-fanal tal-Għasri, fejn kellu kwistjoni l-jum ta' qabel, innota ġebel nieqes. Ma setax jgħid kemm kellu ġebel nieqes. Lanqas ma kellu ritratti. Ix-xhud iddeċieda li jmorru fuq il-post sabiex jaraw x'hemm u ħa ritratti. (Dok. JG1) Mir-rapport li kien sar qabel hemm indikat li l-konvenut stess kien tefgħu l-ġebel sabiex jirranġa ħitan tas-sejjieħ. Ix-xhud qal lill-konvenut, li l-attur kull m'għamel kien li nqabad ġewwa u ħarrek il-ġebel. Dan qalu fil-preżenza tal-Avukat Dr Mario Scerri. Dr Scerri daħal fil-każ fis-17 ta' Awwissu fuq rapport li kellha s-Surġent Lorraine Grech Mifsud. Fit-18 ta' Awwissu mar ikellmu l-konvenut. Ix-xhud aġġorna l-istess rapport tas-Surġent Grech Mifsud tas-17 ta' Awwissu, għax kien tal-istess sustanza. Il-konvenut qallu li jissuspetta fl-attur li naqaslu l-ġebel.

**In kontroeżami**,[9] ix-xhud jgħid li kien involut fir-rapport magħmul fis-17 ta' Awwissu. Dan għamlitu s-Surġent Grech Mifsud. Fir-rapport hemm miktub li l-attur ċempel lill-pulizija u talabhom l-għajnuna sabiex joħroġ bil-vettura minn passaġġ li ġie ingombrat bil-ġebel li ma kienx hekk meta daħal minnu. Jgħid li l-attur kien qed jissuspetta li dan il-ġebel tefgħu l-konvenut li għandu għalqa ħdejn il-passaġġ u li għamillu rapport kontrih fil-jum ta' qabel, 16 ta' Awwissu.

Ix-xhud, **Lorrain Grech Mifsud**,[10] tgħid li fis-17 ta' Awwissu, kien għassa ta' billejl l-Għassa tar-Rabat. Madwar it-tmienja u kwart (8:15) daħlet telefonata l-Għassa

[8] Fol. 78.
[9] Fol. 89.
[10] Fol. 97.

fejn l-attur talab l-għajnuna tal-Pulizija peress li ma setax joħroġ mill-għalqa tiegħu li tinsab fl-akwati tal-fanal ġewwa l-Għasri. Xi ħadd kien tefa' ġebel fil-passaġġ. Mistoqsi dan wieġeb li jissuspetta fil-konvenut li għandu għalqa ħdejn il-passaġġ li kien magħluq. Il-pulizija ssuġġeriet lill-attur imorru għalih iżda hu ma riedx iħalli l-karozza hemmhekk billejl waħedha. Imbagħad ix-xhud marret tkellem lill-konvenut id-dar tiegħu. Dan ammetta li tefa' l-ġebel iżda qal li ħalla passaġġ biex jgħaddu bir-riġel. Huwa qal li mhux ħa jmur ineħħi l-ġebel sabiex ikun jista' jgħaddi l-attur. Imbagħad l-attur qal li hu ressaq xi ġebel u għadd minn fuq kollox bil-jeep. Ix-xhud tgħid li hija ma marritx fuq il-post inkwistjoni. (Dok.LGM1)

**In kontroeżami**,[11] ix-xhud tgħid li l-attur qalilha li hu kien daħal minn hemmhekk u xħin ġie sabiex joħroġ ma setax. Huwa rnexxielu jgħaddi meta neħħa xi ġebel hu. Tgħid li r-rapport sar fuq li qalulha.

Ix-xhud, **Jason Xerri**,[12] jgħid li fil-21 ta' Awwissu ma kienx l-Għassa fil-ħin tal-għaxra filgħodu (10:00a.m.). Kien hemm l-*orderly* tiegħu li infurmah li mar il-konvenut flimkien mal-avukat tiegħu għax ried jagħmel rapport li dakinhar madwar il-ħamsa ta' filgħaxija (5:00p.m.) kien mar fl-għalqa tiegħu, magħruf bħala Tal-Gallina, l-Għasri, u kien sab ġebel li kien ġie mċaqlaq u nieqes minn fuq il-post. Qallu wkoll li kien sar rapport fit-18 ta' Awwissu u kien ġie aġġornat min-naħa tal-pulizija. Irrapporta wkoll li fil-21 ta' Awwissu, fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.), kien mar ukoll mal-avukat tiegħu fuq il-post u ħadu xi ritratti. Ix-xhud ma marx fuq il-post għax kellu xogħol iktar importanti fuq barra x'jagħmel. Ix-xhud jikkonferma l-

[11] Fol. 99.
[12] Fol. 103.

entratura tal-aġġornament fir-rapport 4864JG2 fl-aħħar paragrafu. Ix-xhud jgħid li aġġorna r-rapport wara li kien irċieva r-rapport mingħand il-konvenuti. Ħadd ma kellmu wara li sar ir-rapport.

**In kontroeżami**,[13] ix-xhud jgħid li ma kienx involut fir-rapporti tas-16, 17 u 18 ta' Awwissu.

Fl-affidavit, **William Zammit**,[14] jgħid li għandu raba' bi qbiela b'wirt fuq l-għolja tal-Ġordan, Għasri. Jispjega li huwa għandu jgħaddi minn fuq ir-raba' tal-konvenut sabiex jeċċedi għar-raba' tiegħu. Ir-raba' tax-xhud jiġi fuq ir-riħ tal-passaġġ li ġie mblukkat. Jgħid iżda li kien jgħaddi mill-passaġġ ta' taħt minħabba li dawn l-aħħar sentejn/tlieta kien isib il-passaġġ magħluq bil-ġebel.

Itenni lu huwa jgħaddi anke bil-makkinarju tal-ħart u tal-ħsad mill-passaġġ. Huwa qatt ma sab il-passaġġ imblukkat ħlief f'Awwissu tas-sena ta' qabel meta sab li nbena ħajt fil-wisa' tiegħu u tħalliet biss mogħdija bir-riġel. Jgħid li huwa ma jafx min bnieh.

Ikompli li f'Awwissu x-xhud iltaqa' mal-attur u dan qallu li l-konvenut qed jaqlagħlu ħafna problemi. Qallu li kien bnielu ħajt fil-passaġġ ta' taħt. Ix-xhud mar jivverifika u jsib li kollu minnu li qallu l-attur. Jispjega li huwa sab il-passaġġ imblukkat b'ħajt tal-ġebel f'nofsu u anke terrapien mitfugħ. Jgħid li tħalliet biss mogħdija bir-riġel. Ix-xhud jiftakar il-passaġġ wiesgħa biżżejjed li jgħaddu l-vetturi bir-raba' minnu u qatt ma kien imblukkat.

Meta x-xhud mar fuq il-post ra l-passaġġ imblukkat u mhux imwessa' b'mod li wieħed ma jistax jgħaddi bil-

[13] Fol. 105.
[14] Fol. 111.

vetturi tar-raba'. Ix-xhud jikkonferma wkoll l-istat tal-passaġġ kif muri fiż-żewġ ritratti mmarkati WZ1 u WZ2.

**In kontroeżami**,[15] ix-xhud jgħid li minn meta kien żgħir kien ilu familjari mal-inħawi. Il-passaġġ li jeċċedi għar-raba' tagħhom dejjem kien jgħaddi minn fuq tal-konvenut ħlief meta jkun maħdum għax ma kinux iridu jagħmlu ħsara. Jgħid li qatt ma talbu permess sabiex jgħaddu minn dan il-passaġġ għax il-konvenut kien jgħaddi minn fuqhom u huma jgħaddu minn fuqu. Meta kienu jgħaddu bl- inġenji l-kbar kienu jgħaddu minn dan il-passaġġ għax kien wiesa' ħafna. Jgħid ukoll li dan kien passaġġ miftuħ dejjem u li qatt ma poġġew lura ġebel sabiex il-passaġġ jinżamm magħluq. Il-passaġġ ta' taħt huwa parti mill-għalqa Tal-Malizja. Jispjega wkoll li hemm żewġ passaġġi: wieħed tal-konvenut u hemm l-ieħor inkwistjoni li nbena l-ħajt ġo fih però ħajt ma kienx hemm tant li l-passaġġ kien wiesa' ta' żewġ trakters.

Itenni li mis-sajf 'il hawn ix-xhud sab li nbena ħajt fil-passaġġ ta' isfel u tħalla biss passaġġ bir-riġel bil-konsegwenza li llum la jistgħu jgħaddu minn fuq u lanqas minn ta' isfel.

Jgħid li huwa sar jaf mingħand l-attur li l-konvenut bena l-ħajt. Jisħaq li llum il-post inbidel.

**In ri-eżami**,[16] b'riferenza għad-dokument a fol. 123 ix-xhud jgħid li l-passaġġ ta' isfel huwa identifikat bl-aħmar. Is-soltu kien jgħaddi minn fuq tal-konvenut mill-passaġġ immarkat WZ. Huwa dan l-istess passaġġ ta' taħt meta f'Awwissu mar u sab il-ġebel.

---

[15] Mingħajr paġinazzjoni 1 ta' Diċembru 2022.
[16] Fol. 12 tat-traskrizzjoni.

Fl-affidavit, **Josef Said**,[17] jgħid li f'Awwissu 2021 kien għamel xogħol ta' taħmil għall-pedamenti f'għalqa li l-attur għandu fuq l-għolja tal-Fanal, l-Għasri, billi kien ġab permess sabiex jibni *store* ġo fiha. Ix-xogħol kien sar fl-ewwel jew fit-tieni ġimgħa tax-xahar. Kellu ħaddiem ieħor miegħu bi trakk Isuzu EBJ-931 u krejn żgħir Mitsubishi ADD-961. Dawn huma vetturi żgħar inqas minn siet (6) piedi wisgħin. Jispjega li dawn il-vetturi għaddew minn mogħdija ffurmata li kienet wiesgħa biżżejjed li minnha jgħaddu l-bdiewa bl-inġenji tar-raba'. Jgħid li huwa saq bil-libertà kollha mingħajr ma ħtieġlu jmiss xejn mill-ġebel fuq kull ġenb tal-mogħdija. Il-mogħdija kienet libera mingħajr ebda ħitan f'nofsha. Żmien wara kien iltaqa' miegħu l-attur u qallu li kienu bnewlu ħajt fil-mogħdija minn fejn kien għadda x-xhud.

**In kontroeżami**,[18] ix-xhud jgħid li ma kienx fuq il-post meta sar ix-xogħol iżda mar qabel hemm mal-attur. Il-ħaddiema li għamlu x-xogħol ma jafx min huma. Sabiex waslu fuq il-post għaddew minn mogħdija bil-*jeep* tal-attur. Ix-xhud jassumi li ma ntmessx xejn bil-vetturi għax anke l-*excavator* ittella' ġol-għalqa bil-krejn sabiex ma jaqilgħux ħajt. Jgħid li fuq il-post kien hemm l-attur mal-ħaddiema jgħidilhom mnejn għandhom jgħaddu. Il-ħitan kienu kollha miftuħin meta telgħu jaraw.

**In rieżami**,[19] b'riferenza għar-ritratti SM 02 esibit mal-affidavit tal-perit, ix-xhud jimmarka XYZ bħala d-direzzjoni li għadda minnha flimkien mal-attur sabiex waslu fuq il-post. Jgħid li ma sab ebda ostakolu fil-mogħdija. Iż-żewġ (2) vetturi li jidhru fir-ritratti mmarkati

[17] Fol. 116.
[18] Mingħajr paġinazzjoni 1 ta' Lulju 2022.
[19] Fol. 7 tat-traskrizzjoni.

Dok.7 u 8 huma ta' ħu x-xhud. Jgħid li l-krejn u t-trakk huma wisgħin madwar sitt (6) piedi.

Ix-xhud[20] jgħid li ma jafx min kienu l-ħaddiema li marru fuq il-post jagħmlu x-xogħol. Ma jinżammx reġistru għal dan il-għan.

**In rieżami**,[21] ix-xhud għandu mal-ħamsin (50) ħaddiem jaħdmu miegħu kuljum.

Il-konvenut Emanuel Mizzi xehed permezz ta' affidavit[22]. Jgħid li flimkien ma' ibnu, Samuel Mizzi, ra lil Said Construction Ltd jaħdmu bl-inġenji f'parti mir-raba' li jinsab fl-inħawi tal-Fanal, l-Għasri, imsejjaħ Ta' Gallina, fl-14 ta' Awwissu 2021. Mal-kuntrattur kien hemm l-attur li għandu raba' viċin tal-konvenut.

Meta l-konvenut niżel sabiex jara x'ġara, induna li kien hemm ammont ta' ħamrija nieqsa flimkien ma' ġebel tas-sejjieħ neqsin mill-proprjetà tiegħu. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti sabiex tiġi ffurmata rampa minn ġo ħwejġu għal ġo proprjetà ta' terzi li mhux tal-attur. Jisħaq illi tneħħa wkoll ġebel ta' diviżjoni minn raba' ieħor li għandu minn proprjetà tiegħu. Max-xogħol inqalgħu anke siġar u tneħħa ġebel fuq struzzjonijiet tal-attur (Dok.1 sa Dok.5).

Il-konvenut jgħid li huwa fehem li l-materjal li neħħa mir-raba' tiegħu ħadu l-attur.

Jgħid ukoll li huwa ppreżenta Mandat ta' Inibizzjoni bejn il-Ħadd u t-Tnejn, 16 ta' Awwissu 2021, kontra l-attur biex iwaqqfu milli jkompli jagħmel xogħlijiet fi ħwejġu. Itenni li wara nofsinhar il-konvenut ħa xi ġebel tas-sejjieħ sabiex jipprova jirranġa l-ħsarat li saru. Aktar tard għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija, Victoria.

Jgħid li fis-17 ta' Awwissu 2021, huwa ġie avviċinat mill-pulizija dwar materjal tas-sejjieħ wara rapport li sar mill-attur li dan ma setax jgħaddi bil-vettura biex joħroġ. Il-konvenut spjega lill-pulizija li l-materjal huwa ġo ħwejġu u li l-attur ma jgħaddix minn hemm għax għandu triqtu mill-inħawi Tat-Tafla, aktar 'l isfel.

Wara dan kollu, il-konvenut irrealizza li dan kien kollu qerq tal-attur sabiex jinvolvi l-pulizija għax huwa seta' faċilment joħroġ bil-vettura minn fejn daħal biha mit-triq proprja Tat-Tafla li kien għadu jgħaddi minnha sal-lum. Tant hu hekk li l-attur baqa' jaħdem ir-raba' tiegħu mingħajr xkiel sal-lum. Dan apparti l-aċċess bir-riġel li kellu minn fuq ir-raba' tal-konvenut.

Jgħid li fit-18 ta' Awwissu 2021, innota ġebel spustjat li kien tefa' jumejn qabel (Dok. 9) u għalhekk reġa' mar l-Għassa tal-Pulizija u insista mal-pulizija li jmorru fuq il-post kif sar fil-fatt filgħaxija. Dakinhar raw ir-rampa, li ġiet iffurmata fl-14 ta' Awwissu, miftuħa parti minnha. Il-pulizija ħadu xi ritratti tal-ġebel spustjat.

Bejn it-18 u l-21 ta' Awwissu 2021, l-attur kien neħħa l-materjal kollu li l-konvenut kien ġabar biex jibni l-ħajt tas-sejjieħ u kien reġa' għadda sabiex idaħħal l-affarijiet tiegħu. Allura l-attur għamel tliet darbiet xogħlijiet ġo ħwejjeġ il-konvenut mingħajr il-permess tiegħu. Baqa' jagħmel hekk dment li kien għadu jirreżisti li jiġi notifikat bil-mandat. Il-konvenut għamel rapport ieħor fl-Għassa tal-Pulizija fil-21

[20] Mingħajr paġinazzjoni 1 ta' Diċembru 2022.
[21] Fol. 3 tat-traskrizzjoni.
[22] Fol. 131.

ta' Awwissu 2021 għat-tielet darba dwar ġebel spustjat (Dok.10).

Il-konvenut jenfasizza li, matul ix-xitwa li għaddiet, sar il-ħsad kollu tal-uċuħ tar-raba' kemm tal-attur u kemm tal-bdiewa l-oħrajn fil-viċinanzi. Dawn ilkoll għaddew bl-inġenji minn Tat-Tafla (Dok. 11 sa Dok. 14).

Il-konvenut jikkontradixxi dak li jgħid l-attur li m'hemmx aċċess ieħor għar-raba' tal-madwar. L-attur stess għamel użu mill-aċċess l-ieħor sabiex jgħaddi bil-makkinarju u qatt ma reġa' għadda minn fuq ħwejġu.

Il-konvenut jisħaq li huwa jippermetti bdiewa jgħaddu bl-inġenji sabiex jaħdmu r-raba' li jmiss ma' tiegħu. Wara l-inċidenti ta' mal-attur, il-konvenut informa lil dawn il-bdiewa sabiex jużaw it-triq proprja tagħhom u ċjoè li tiġi aktar 'l isfel minfejn għadda dejjem l-attur.

**In kontroeżami**,[23] b'riferenza għat-tieni paragrafu tal-affidavit tiegħu u muri ritratt mill-ajru esibit f'dan il-proċess 78/2021, il-konvenut jgħid li għandu r-raba' fejn hu mmarkat minn Y sa Z. Ir-ritratt mhux indikattiv preċiż. Il-konvenut qed jagħmel riferenza għal *area* indikata minn Y sa Z. Jgħid li huwa fforma speċi ta' rampa oħra minbarra dik li tidher fir-ritratti li ppreżenta huwa stess mal-affidavit tiegħu.

Jinsisti li l-bdiewa kienu jgħaddu minn ġor-raba' tiegħu bil-permess tiegħu tant li ma għaddewx aktar meta ma tahomx aktar permess.

Jiċħad illi l-passaġġ ilu jeżisti sa minn qabel l-1957 meta ttieħed ir-ritratt *aerial view*. Jgid li huwa jiftakru passaġġ bir-riġel u mhux għall-vetturi.

Jerġa' jtenni li fl-14 ta' Awwissu tela' fuq il-post u ra sfreġju ta' ħamrija mneħħija u tal-ħajt kollu mneħħi u fformata dik ir-rampa li fiha minn XY u ftit aktar ukoll. Wara li ra hekk ippreżenta l-Mandat ta' Inibizzjoni.

Jinsisti li l-ġebel harrikom l-attur. Jisħaq illi huwa munzell wieħed għamel fi ħwejġu. Dan għamlu sabiex jirriprestina l-ħajt li ħadlu l-attur. Jgħid li ma jistax jagħraf l-*aerial photo* a fol. 123 u jindika fejn kien qiegħed il-borġ tal-ġebel.

Dwar ir-rapport tal-pulizija bid-data tas-16 ta' Awwissu li għamel il-konvenut, il-konvenut jgħid li ma jafx kemm sab nieqes ħamrija.

**In rieżami,**[24] il-konvenut spjega d-differenza bejn passaġġ karozzabli u marki tat-trakters. Jafferma li għalkemm qatt ma għaddew karozzi minn hemm iżda trakters għaddew.

Jgħid ukoll li meta l-attur għamel ir-rampa ġo ħwejjeġ il-konvenut, dan xkana kollox. Il-konvenut jinsisti dwar ġebel kbir li ħadlu l-attur. Dan kien mad-dura tiegħu u isfel fir-raba' tiegħu li l-konvenut ma rahx jieħdu dak il-ħin iżda rah fl-aħħar banjijiet sejjer bihom bil-ħamrija.

Fl-affidavit, **Samuel Mizzi,**[25] jikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' missieru l-konvenut. Dan peress li kien ikun anke miegħu meta jmorru l-għalqa inkwistjoni. Ix-xhud jgħid li qatt ma ra lill-attur jgħaddi minn ġor-raba' tagħhom. Flimkien ma' missieru, b'sorpriża, kien ra lil Said Construction Ltd jagħmlu x-xogħlijiet fl-14 ta' Awwissu 2021 u ħa ritratti tax-xogħlijiet. Huwa jikkonferma li naqas

[23] Mingħajr paġinazzjoni 22 ta' Frar 2023.
[24] Fol. 20 tat-traskrizzjoni.
[25] Fol. 148.

ħafna ġebel tas-sejjieħ u ħamrija mill-għalqa tal-attur flimkien ħsarat li saru lis-siġar u pal tal-bajtar.

**In kontroeżami,**[26] ix-xhud jgħid li hu ħa r-ritratti minn fol. 134 sa fol. 147. Meta hu u l-konvenut waslu fuq il-post, ra l-kuntrattur jagħmel ix-xogħol ġo tagħhom. Hu ma ħax ritratt tagħhom għax ħarbu jiġru 'l ġewwa meta rawhom. Lanqas ħa ritratt tal-krejn għax ix-xhud kien sorpriż. Mhux ir-ritratti kollha ħa dakinhar.

B'riferenza għar-ritratt 9 a fol. 142, iż-żewġ (2) munzelli xeħithom missieru l-konvenut. Il-munzell intefa' fil-post fis-16 ta' Awwissu sabiex ikunu jistgħu jagħmlu tajjeb għall-ġebel li ħarrek l-attur u Said Construction. Jgħid li kien l-attur mess il-munzell għall-ewwel darba l-għada, 17 ta' Awwissu. Jgħid ukoll li r-ritratt 10 ħadu aktar tard. Jgħid li jassumi li kien l-attur li ħarrek il-munzell kollu sabiex ikun jista' jerġa jgħaddi minn ġo ħwejjeġ il-konvenut.

Rigward il-munzell jgħid li dan ma ntefax f'nofs passaġġ iżda fl-għalqa tal-konvenut. Ir-ritratt SM02 a fol.123 fejn il-passaġġ jidher ċirkwit aħmar ittieħed qabel l-inċident. Jispjega li l-ħitan ma jidhrux kollha għax hemm il-veġitazzjoni. Aktarx li f'dawn il-bnadi x-xhud u missieru xeħtu t-terrapien. Huwa m'għandux ritratt tad-dura tal-attur.

Skont dan ix-xhud ir-rampa ġiet ifformata f'tarf iċ-ċirku l-aħmar fir-ritratt a fol. 123. Jgħid li qabel hemmhekk kienet għalqa wkoll. Ir-rampa ġiet ifformata għax il-bdiewa kienu jgħaddu ma tarf il-ħajt bit-trakter żgħir. Il-ħajt kien diġà hemm u mhux bnieh missieru l-konvenut. Il-krejn u t-trakk li jidhru a fol. 7 u 8 tal-proċess jidhru ħerġin 'il barra.

[26] Mingħajr paġinazzjoni 8 ta' Marzu 2023.

Itenni li t-tina tidher sew fid-dokumenti esibiti mal-affidavit tal-konvenut. Jgħid li din it-tina ma kinitx f'nofs il-passaġġ iżda nqalgħet bl-għeruq b'kollox meta messitha l-gaffa. Jaċċetta li huwa ma rahomx jaqilgħu t-tina u li r-ritratti ħadhom meta rahom sejrin bl-aħħar banju ħamrija għal ġo tal-attur.

Ix-xhud jispjega li mar ma' missieru l-Għassa minħabba serq ta' ġebel u ħamrija. Jgħid ukoll li huma tefgħu l-ġebel fis-16 ta' Awwissu għax kien ma' missieru. Probabbli l-attur daħal minn x'imkien ieħor u qed jagħmilha ta' bir-ruħu li ma setax joħroġ. Jisħaq illi l-ġebel ġo ħwejjeġ il-konvenut intefa'.

Fl-affidavit, **George Mercieca**,[27] jgħid li huwa u membri oħrajn tal-familja tiegħu jaħdmu raba', imsejjaħ Tal-Ħamri sive Ta' Sfunnarija, fl-inħawi tal-Fanal, l-Għasri. Jispjega li huwa jaċċedi għar-raba' tiegħu minn passaġġ li jinsab fin-naħa t'isfel tal-għolja tal-Fanal. Il-passaġġ huwa ċkejken u dejjaq. Mhux komdu għall-inġenji l-kbar. Għalhekk ix-xhud kien jitlob lill-attur sabiex jeċċedu mir-raba' tiegħu li tinsab aktar 'il fuq maġenb l-għolja.

Skont dan ix-xhud fir-raba' tal-konvenut qatt ma kien hemm passaġġ jew mogħdija għall-inġenji. Il-marki tal-inġenji li jidhru fir-ritratti mill-ajru huma magħmulin mix-xhud. Meta x-xhud kien jeħles mix-xogħol, il-konvenut kien jagħlaq il-ħajt bil-ġebel.

Ix-xhud jgħid li nnota li fis-sajf 2021, xi ħadd għamel xogħlijiet minfejn kien jgħaddi billi nqalgħu ħitan tas-sejjieħ u tkisser pal tal-bajtar kif ukoll tneħħiet ħamrija. Wara dawn ix-xogħlijiet l-attur ma ridux jgħaddi aktar minn fuq ir-raba' tiegħu bħas-soltu bir-riżultat li x-xhud

[27] Fol. 160.

kellu jara kif jagħmel sabiex jgħaddi mit-triq proprja tiegħu. Ix-xhud jgħid li anke Domenic Camilleri jgħaddi minn fuq ir-raba' tax-xhud sabiex jidħol jaħdem ir-raba' tiegħu.

**In kontroeżami**,[28] ix-xhud jgħid li meta mar bid-demel sab lill-konvenut u qallu li hemmhekk inqala' l-inkwiet u biex bħalissa ma jgħaddix. Ix-xhud kien jgħaddi bil-kunsens tal-konvenut. Ma kienx jgħaddi mill-mogħdija bil-karrijiet u allura kien jgħaddi minn fuq. F'Awwissu sab il-ħajt magħluq. Qabel ma kienx hemm ħajt jimblokka l-passaġġ.

**Il-Perit Shaun Micallef**,[29] jgħid li eċċeda darba fuq il-post inkwistjoni. B'riferenza għar-ritratt SMO1 ix-xhud jgħid li jidher ċar li hemm passaġġ u hemm il-marki ta' minfejn tgħaddi vettura. B'riferenza għar-ritratt SMO4 il-ħajt huwa ġdid. Dan il-ħajt mhuwiex muri fir-ritratt SMO3. Ix-xhud immarka dan il-ħajt fir-ritratt SMO7. F'SMO4 jindika biss il-pożizzjoni u mhux il-wesgħat tal-ħajt. Fuq in-naħa tax-xellug tar-ritratt m'hemmx ħajt. Din il-parti hija minn dak il-passaġġ. Il-ħajt mhux kontinwu fuq il-lemin. Meta kkonstata fuq il-post ra li din il-parti hija aljena għal fuq il-post. Imbagħad ikkonsulta l-*aerial photos* u ra li ma kienx hemm ħajt.

Il-**Perit Cornelia Tabone**,[30] tgħid li ma tiftakarx meta l-konvenut taha inkarigu tagħmel rapport. Hija eċċediet fuq il-post. Hija marret fuq il-post ftit jiem qabel ma għamlet ir-rapport, fl-1 ta' Ġunju. Ir-ritratti li ħadet ix-xhud huma mmarkati bħala Dok.6,7,8 u 9. Mir-ritratti mmarkati minn 1 sa 5, ix-xhud ikkonkludiet li xi ħadd daħal u għamel dawk il-marki. Fid-Dok. 6 hemm il-ħajt tas-sejjieħ. Ix-xhud tista' tgħid mir-ritratti li bagħtulha jekk kienx jeżisti l-ħajt fit-

[28] Mingħajr paġinazzjoni 1 ta' Lulju 2022.
[29] Mingħajr paġinazzjoni 1 ta' Lulju 2022.
[30] Mingħajr paġinazzjoni 1 ta' Lulju 2022.

2001. Ix-xhud ma tistax tindika mir-ritratti mill-ajru tal-pożizzjoni tal-ħajt għax hemm ħafna *overgrowth* ta' ħaxix. Hija rat il-ħajt fin-nofs fir-ritratti mill-ajru tal-1998 u 2004.

L-inkarigu li taha l-konvenut kien sabiex tara l-passaġġ li kien hemm eżistenti li kienu daħlu xi inġenji. Ix-xhud ma għamlitx indikażżjoni fir-rapport kemm ġie estiż il-ħajt iżda li kien jeżisti.

Tgħid li hija ma daħlitx fil-mertu jekk il-passaġġ hux wiesa' jew dejjaq. Ix-xhud qed titkellem dwar l-imblokk tal-passaġġ iżda mhux jekk hux bir-riġel jew le. Sa fejn indikalha l-konvenut li tasal il-proprjetà tiegħu, kien mittiefes minn inġenji tal-kostruzzjoni. Hija straħet fuq li qalilha l-konvenut. Ma tafx x'ġara bejn Mejju/Ġunju u Awwissu. Hija ma ratx għaddejjin inġenji mill-mogħdija. Id-Dok. 7 jirreferi għall-passaġġ fejn hemm il-ħajt jimblokka iżda ma jidhirx li hemm ħajt jimblokka l-passaġġ.

**In rieżami**,[31] ix-xhud tgħid li hemm diżlivell minn ħabel ta' fuq għall-ħabel ta' taħt. Il-ħajt qed iżomm il-ħamrija ta' fuq ir-riħ. Id-diżlivell huwa għoli madwar żewġ (2) piedi.

**Id-Dritt.**

Minn qari tat-talbiet jirriŻulta li l-kawża tal-lum hija kawża ta' spoll u fil-ligi nostrana l-*actio spolii* hija regolata bl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra kif ġej:

**535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll,*

[31] Fol. 14 tat-traskrizzjoni

*titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Rigward din it-tip ta' azzjoni jingħad illi «*Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-Tribunal Ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili.*»[32]

*Ai termini* tal-Artikolu preċitat, biex l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur dan irid jissodisfa tliet (3) rekwiżiti li huma:

i. li huwa kellu l-pussess tal-passaġġ, liema pussess jista jkun ta' kwalunkwe xorta jew b'detenzjoni—*possedisse;*

ii. li ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni—*spoliatum fuisse*, u;

iii. li intavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu—*infra bimester deduxisse*.

Rigward l-istħarriġ li għandha tagħmel il-qorti f'kawża bħal dik tal-lum ingħad illi «*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tgħatix lok għall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll.*

[32] Vincenzina Cassar et –vs– Annetto Xuereb Montebello, Appell, deċiża fit-28 ta' Mejju 1956.

*Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u għalhekk, bir-rispett kollu għal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jgħidu u x' ma jgħidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma għal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna»*[33]

**Azzjoni fi zmien xahrejn.**

Din il-Qorti ser tibda mit-tielet element u ċjoè ser tindaga u tara jekk l-azzjoni tal-attur ġietx intavolata entro it-terminu ta' xahrejn minn meta seħħ l-att spoljattiv. Jekk jirriżulta li l-azzjoni ma ġietx intavolata f'dak it-terminu allura l-Qorti tkun kostretta tieqaf hawn u l-azzjoni tal-attur tfalli. Ingħad infatti illi *«il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza [P.A. NC 13.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet Alfred P. Farruġia et ne vs Peter Paul Cutajar]. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eccezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileggat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [App. Ċiv. 18.6.1993 fil-kawża fl-ismijiet N. Vassallo vs F. Esposito (mhux pubblikata) u App. Ċiv. 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Rita Micallef et vs Paul Galea et];»*[34]

Mill-atti jirriżulta mhux kontestat li l-azzjoni ta' spoll ġiet imressqa fi zmien xahrejn minn meta beda l-allegat att spoljattiv. Infatti jirriżulta li l-att spoljattiv seħħ f' Awwissu, 2021 u l-kawża ġiet ippreżentata fis-17 ta' Settembru, 2021, u għalhekk entro it-termini ta' xahrejn impost bil-ligi.

[33] Joseph Cilia et –vs– Loreto Camilleri et, Prim'Awla, deċiża fit-12 ta' Ġunju 1998.
[34] Philip Gatt –vs– John Mary Vassallo, Prim'Awla, deċiża fit-8 ta' Marzu, 2005.

**Il-Pussess.**

Imiss issa li din il-Qorti fl-ewwel lok tevalwa l-fatti sabiex jiġi determinat jekk effettivament l-attur kellux pussess tal-passaġġ meta seħħ l-att spoljattiv. Rigward l-element tal-pussess din il-Qorti tagħmilha ċara li fl-ambitu ta' każ ta' spoll mhux il-kompitu tagħha li tiddeċiedi jekk mil-lat kuntrattwali l-attur għandux jedd jew le għal dritt ta' passaġġ fuq l-għalqa tal-konvenut. Dan għaliex sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett spoljat jista' jwassal għas-suċċess ta' kawża ta' spoll indipendentement mill-jeddijiet kuntrattwali tal-partijiet fuq l-oġġett in kwistjoni.

Minn naħa tiegħu l-attur irid juri li huwa kien fil-pussess tal-passaġġ imqar materjali jew ta' fatt. Dan il-pussess irid ikun fid-deher, ukoll jekk ikun għal żmien qasir anke jekk momentarju iżda l-pussess ma jistax ikun wiehed ekwivoku. Huwa stabbilit ukoll li azzjoni ta' spoll tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt.

Rigward il-pussess ta' passaġġ ingħad illi «*biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnhu ntentata biex jiġi reintegrat fil-pussess ta' passaġġ li fih jippretendi li ġie turbat, jehtieglu jipprova li huwa għandu l-pussess jew kwazi pussess esklussiv tal-passaġġ, u mhux bizzejjed li juri li għandu biss id-dritt li jgħaddi mill-passaġġ.*»[35]

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak li intqal fil-konfront tal-principju tal-mera tolleranza—*jemana mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 563 (illum 526) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li 'l-atti li huma biss fakoltattivi jew li jitħallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistgħux jiswew ta' bażi għall-ksib tal-*

[35] Giuseppe Cassar et –vs– Paolo Cassar et, Appell, deċiż 11 ta' Marzu, 1955.

*pussess'. Il-leġislatur kien qiegħed deliberatament jirreferi għal kwalunkwe pussess u mhux għal pussess leġittimu, meta qal li l-attijiet ta' tolleranza ma joħolqux il-pussess. Sir Adrian Dingli fin-notamenti tiegħu għall-artikolu in kwistjoni (allura numru 221 tal-Ordinanza VII tal-1868) kien osserva 'ho soppresso la parola 'legittimo' perche' secondo la mia definizione questi atti non danno luogo ad alcun possesso propriamente ditto.»*[36]

Imiss għalhekk li issa jiġi kkunsidrat jekk l-attur kellux il-pussess tal-passaġġ li fih inbena l-ħajt tas-sejjieħ u fejn tpoġġa l-borġ tal-ġebel. L-attur jinsisti li huwa ilu snin jgħaddi minn dan il-passaġġ mingħajr ebda xkiel. Jisħaq illi huwa dejjem għadda bil-karozza mill-passaġġ in kwistjoni u anke ressaq xhieda li jikkonfermaw dan. Ġew esibiti wkoll diversi ritratti mill-ajru illi juri l-passaġġ li huwa wiesgħa mhux hażin ilu ffurmat snin twal. Barra minn hekk ma nġabet ebda prova kuntrarja illi xxejjen l-argument tal-attur illi huwa effettivament kien jgħaddi minn dan il-passaġġ biex jasal għal għelieqi tiegħu. L-argument tal-konvenut illi l-attur għandu passaġġ ieħor minn fejn jista' jgħaddi ma jnaqqas xejn mill-fatt illi mill-provi jirriżulta li l-attur għandu pussess tal-passaġġ mertu tal-kawża odjerna. Barra minn hekk il-konvenut Mizzi ma ressaq l-ebda prova li turi li l-pussess tal-attur tal-passaġġ in kwistjoni kien biss b'mera tolleranza.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-Qorti tqis li l-element ta' pussess ġie sodisfatt ukoll.

**Att Spoljattiv**

Rigward dan l-element ġie ritenut illi «*Hemm certi rekwiziti li għandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tiġi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi*

[36] Savior Fenech et –vs– Alfred Mifsud et, Prim'Awla, deċiża 8 ta' Lulju, 2015.

*u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi.»*[37]

Ingħad ukoll illi «...*huwa mehtieg li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-għamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess.*»[38]

Il-Qorti fliet il-verżjoni tal-attur u tinnota li tul il-kawża din kienet waħda konsistenti u ċjoè illi meta għadda filgħodu ta' nhar is-17 ta' Awwissu, 2021 ma sab l-ebda diffikultà biex jgħaddi mill-passaġġ. Il-problema inqalgħet filgħaxija meta ġie biex imur lura d-dar għax il-passaġġ kien imblukkat bil-ġebel. Din hija wkoll il-verżjoni li tirriżulta mill-okkorrenza esibita in atti.

Minn naħa tal-konvenut l-Qorti tinnota li huwa stess ammetta kemm mall-pulizija kif ukoll waqt ix-xhieda tiegħu illi kien huwa li tefa l-ġebel f'nofs il-passaġġ għax skont hu hemm hekk hija propjetà tiegħu. Jgħid ukoll illi l-ġebel intefa hemm bil-ħsieb illi jinbena il-ħajt li skont il-konvenut twaqqa' mill-attur meta dan tal-aħħar daħal bl-inġenji tal-kostruzzjoni.

Il-Qorti fliet ir-ritratti esibiti. Tqis illi l-argument sollevat mill-konvenut illi l-passaġġ qatt ma kien wieħed karozzabbli iżda kien wiehed tar-riġel ma jreġix u dan għax mir-ritratti meħudin mill-ajru huwa ċar daqs il-kristall illi l-passaġġ in kwistjoni huwa wieħed wiesgħa mhux ħażin.

[37] Joseph Baldacchino vs. Emanuel Falzon Fava, Appell, deċiża fit-22 ta' April, 1988.
[38] Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul, Prim'Awla, deċiża fit-23 ta' Jannar, 2003.

Barra minn hekk jirriżulta daqstant ċar illi fil-passaġġ ma kien hemm l-ebda ħajt illi jagħlaq l-istess passaġġ fil-wisa' tiegħu u għalhekk tqis illi il-verżjoni mogħtija mill-konvenut illi fil-passaġġ kien hemm ħajt fil-wisa' tiegħu ma għandhiex mis-sewwa. Il-Qorti lanqas ma hija konvinta li l-attur waqqa' l-ħitan biex seta' jgħaddi bl-inġenji mill-passaġġ u dan qed tgħidu a bażi tax-xhieda mogħtija minn Josef Said kif ukoll minn analiżi tar-ritratti meħudin mill-ajru.

Kif ġa ngħad aktar 'l fuq il-konvenut jipprova jilqa' għat-talbiet tal-attur billi anke jisħaq li l-attur għandu passaġġ ieħor alternattiv. Din il-Qorti għal darb'oħra ttenni li dan l-argument ma jreġix billi fil-każ tal-lum il-Qorti trid tkun sodisfatta mhux jekk hemmx passaġġ ieħor iżda jekk bil-ġebel li għamel il-konvenut u bil-ħajt illi bena huwa waqqafx lil attur milli jkompli jagħmel użu mill-passaġġ mertu tal-kawża u li dan sar kontra r-rieda tiegħu. Infatti ngħad illi «*...sabiex tkun tista' tiġi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi*».[39] Mill-provi akkwiżiti infatti jirriżulta li l-ġebel f'nofs il-passaġġ intefa minn wara dahar l-attur tant li meta huwa ġie biex jgħaddi minnu lura lejn id-dar sabu li ma jistax u ċempel lill-pulizija. Barra minn hekk jirriżulta wkoll mir-ritratti meħudin mill-ajru li fil-passaġġ ma kien l-ebda ħajt u għalhekk l-azzjoni tal-konvenut kienet intiza biss biex jiġi imblokkat il-passaġġ ħieles.

Għalhekk tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tqis li l-attur irnexxielu jissodisfa l-elementi kollha

---

[39] Joseph Baldacchino vs. Emanuel Falzon Fava, Appell, deċiża fit-22 ta' April, 1988.

meħtieġa sabiex il-kawża tiegħu tirnexxi u għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tiegħu.

**DECIDE:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha ġa mogħtija l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni billi ġiet irtirata, qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjoniijiet imressqa mill-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż:

i) Tilqa' l-ewwel talba;

ii) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna l-konvenut jisporga l-ispoll fi żmien xahar billi jneħħi l-ħajt u kull xkiel ieħor li għamel fil-mogħdija. Din il-Qorti tordna lill-konvenut iħalli l-passaġġ liberu mill-istess mogħdija;

iii) Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lill-attur ineħħi l-ixkiel kollu li għamel il-konvenut fil-mogħdija jekk il-konvenut jonqos li jneħħih hu kif ordnat jagħmel fil-paragrafu ta' qabel dan. Għal dan il-għan qed taħtar lill-Perit Alexei Pace sabiex jissorvelja ix-xogħlijiet intrapriżi mill-attur u jagħti dawk id-direzzjonijiet meħtieġa lill-istess attur, bl-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-konvenut.

Bl-ispejjeż tal-kawża a karigu tal-konvenut.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

## Vera Kopja

## Għar-Reġistratur